

36 562

Proposta leġislattiva mill-membru Ouwehand li temenda l-Att dwar l-Annimali (Wet dieren) u l-Att dwar ir-Reati Ekonomiċi (Wet op de economische delicten) b'rabta mal-abolizzjoni tal-produzzjoni industrijali tal-bhejjem

**Nru għad irid jiġi
kkonfermat**

**PROPOSTA LEĠIŻLATTIVA KIF EMENDATA WARA L-
OPINJONI TAD-DIVIŻJONI KONSULTATTIVA TAL-
KUNSILL TAL-ISTAT**

Jiena, Willem-Alexander, bil-Grazzja t'Alla, ir-Re tan-Netherlands, il-Prinċep ta' Orange-Nassau, eċċ.

Tislijiet lil dawk kollha li se jaraw jew jisimġu dan li ġej. Għandu jkun magħruf:

Billi Jiena kkunsidrajt li huwa mixtieq li jiġu emendati l-Att dwar l-Annimali u l-Att dwar ir-Reati Ekonomiċi sabiex jinkisbu modi mhux krudili tat-trobbija tal-annimali;

Wara li smajt lid-Diviżjoni Konsultattiva tal-Kunsill tal-Istat, u f'konsultazzjoni mal-Parlament, hawnhekk Jiena napprova u nordna:

ARTIKOLU I EMENDA GĦALL-ATT DWAR L-ANNIMALI

L-Att dwar l-Annimali għandu jiġi emendat kif ġej:

A

L-Artikolu 2.1 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafi 3 sa 7 huma nnumerati mill-ġdid u jsiru l-paragrafi 4 sa 8.
2. Wara l-paragrafu 2, jiddaħħal paragrafu bit-test li ġej:
 3. L-imġiba pprojbita bil-paragrafu 1 għandha tinkludi wkoll, fil-każ ta' annimali miżmuma kummerċjalment għall-produzzjoni ta' prodotti tal-annimali, proċeduri fiżiċi għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 2.8 sabiex l-annimal jinżamm f'sistema jew f'alloggġ partikolari jekk ma jkun hemm l-ebda hteġa veterinarja.
3. Fil-paragrafu 5 (ġdid), il-frażi "paragrafu 3" hija sostitwita bil-frażi "paragrafu 4".
4. Fil-paragrafu 6 (ġdid), il-frażi "paragrafu 3" hija sostitwita bil-frażi "paragrafu 4".
5. Fil-paragrafu 8 (ġdid), il-frażi "paragrafu 6" hija sostitwita bil-frażi "paragrafu 7".

B

Il-paragrafu 12 tal-Artikolu 2.2 tħassar.

Wara l-Artikolu 2.2, jiddaħħal artikolu ġdid, li jaqra kif ġej:

Artikolu 2.2a. Kura mhux mogħtija lil annimali miżmuma għall-produzzjoni

1. L-indokraturi tal-annimali għandhom ikunu pprojbiti milli jżommu l-annimali, matul in-negozju, għall-produzzjoni ta' prodotti tal-annimali b'tali mod li l-annimali jiġu mċaħħda b'mod permanenti jew sistematiku minn opportunitajiet biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-imġiba stabbiliti xjentifikament għall-ispeċi jew il-kategorija tal-annimali kkonċernata, li għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

- a. għall-ħnieżer, li jkunu jistgħu:
 - 1°. iżommu rabtiet soċjali stabbli tul ħajjithom kollha;
 - 2°. jaċċessaw opportunitajiet adegwati għal kenn jew post għall-kwiet;
 - 3°. jogħrku u jħokku, pereżempju mal-ħitan tat-tagħrik, xkupilji jew zkuk tas-siġar, u biex jieħdu banjijiet bit-tajn sabiex ikessħu u jirregolaw lilhom infushom;
 - 4°. jesploraw l-inħawi ta' madwarhom biex ifittxu l-ikel, permezz tad-disponibbiltà ta' materjali li jittiekl u/jew li jistgħu jintmagħdu, jiġu investigati u mmanipulati;
 - 5°. jesploraw u jfittxu l-ikel, iħarrtu l-art bi mneħirhom, ixammu;
 - 6°. għall-majjaliet qabel ma twelled il-qżieqeż, biex jimpenjaw ruħhom li jbejtu u jipprovdu kura materna billi jkollhom biżżejjed spazju u materjali xierqa;
 - 7°. għall-qżieqeż, biex jiġu mreddgħa mill-majjala sal-età ta' mill-inqas sitt ġimgħat;
 - 8°. jistrieħu f'post li jkun nadif, komdu u jipprovdi biżżejjed spazju biex jinżammu żoni separati ta' rawt u fejn joqogħdu u ma jiġux effettwati minn ħnieżer attivi;
 - 9°. jikkunsmaw biżżejjed għalf xieraq permezz ta' għadd suffiċjenti ta' postijiet tal-għalf biex ikunu jistgħu jieklu fl-istess ħin u mingħajr kompetizzjoni;
 - 10°. ikollhom aċċess mhux ristrett għal ilma nadif permezz ta' għadd suffiċjenti ta' ħwat tax-xorb imqiegħda f'għoli xieraq għall-ħnieżer ikkonċernati;
 - 11°. għall-qżieqeż, li jkollhom konsum adegwat tal-ħalib;
 - 12°. jiksbu kumdità termali permezz ta' temperatura ambjentali adegwata, aċċess liberu għal postijiet aktar sħan jew aktar kesħin fl-ambjent tal-għajxien u possibbiltajiet biex tinżamm is-sħana tal-ġisem;
 - 13°. ikollhom aċċess għal arja friska u klima ta' alloġġ li ma tagħmilx ħsara, inklużi konċentrazzjonijiet ta' ammonijaka li ma jagħmlux ħsara;
- b. għall-bovini, li jkunu jistgħu:
 - 1°. iżżommu rabtiet soċjali f'merħla ma' annimali ta' etajiet differenti;
 - 2°. jaċċessaw opportunitajiet adegwati għall-kwiet jew il-mistrieħ u l-opportunità li jiżolaw lilhom infushom f'każ ta' mard jew twellid;
 - 3°. jittrabbew mal-omm, tal-inqas sakemm l-għoġol ikun kapaċi jibla' l-għalf oħxon b'mod adegwat;
 - 4°. ikabbru l-kowt tagħhom;
 - 5°. ifittxu l-ikel, jimmanipulawh u jikluh;
 - 6°. jagħżlu li jew jibqgħu barra jew ifittxu l-kenn;
 - 7°. jinvolvu ruħhom fi mġiba materna, b'paċi u spazju suffiċjenti maqtugħin mill-merħla;
 - 8°. għall-għoġġiela, biex jieħdu sehem fi mġiba ta' treddiġh;
 - 9°. jistrieħu u jimteddu b'mod komdu b'materjal xieraq għall-friex jew l-art, bi spazju suffiċjenti għall-annimali kollha biex jimteddu 'l barra u biex joqogħdu u jimteddu mingħajr xkiel;

10°. jieklu u jixorbu ilma nadif u għalf xieraq disponibbli mingħajr restrizzjoni, b'mod konsistenti mal-preferenzi tal-annimali, b'għadd suffiċjenti ta' ħwat tal-għalf u tal-ilma pprovduti kemm fiż-żona ta' ġewwa kif ukoll fuq barra;

11°. jiksbu kumdità termali, billi jkollhom għażla libera li jiċċaqilqu u jfittxu żona ta' kumdità;

12°. ikollhom aċċess għal arja friska u klima ta' alloġġ li ma tagħmilx ħsara, inklużi konċentrazzjonijiet ta' ammonijaka li ma jagħmlux ħsara;

c. għat-tiġieġ, li jkunu jistgħu:

1°. iżżommu rabtiet soċjali f'daqs ta' grupp u spazju li huwa xieraq;

2°. jesploraw, iħokku u jieklu li jsibu fuq uċuħ xierqa, u jieħdu banjijiet tat-trab;

3°. ikollhom aċċess għal mifrex xieraq;

4°. jaċċessaw opportunitajiet adegwati għal kenn jew post għall-kwiet;

5°. jimpjenjaw ruħhom fi mgħiba ta' tbejjit;

6°. ikollhom biżżejjed spazju biex jieklu, jixorbu u jistrieħu;

7°. jitħejjew għall-irqad fuq perċi xierqa pprovduti;

8°. jieklu u jixorbu ilma nadif u għalf xieraq disponibbli mingħajr restrizzjoni, b'mod konsistenti mal-preferenzi tal-annimali;

9°. jiksbu kumdità termali permezz ta' klima ta' alloġġ tajba li hija adattata għall-ħtiġijiet tal-flieles li huma sensitivi għall-istress tal-kesħa u tas-sħana;

10°. ikollhom aċċess għal arja friska u klima ta' alloġġ li ma tagħmilx ħsara, inklużi konċentrazzjonijiet ta' ammonijaka li ma jagħmlux ħsara;

d. għall-mogħoż, li jkunu jistgħu:

1°. iżommu rabtiet soċjali;

2°. iwarrbu lilhom infushom mill-grupp;

3°. għall-gidien, li jkunu jistgħu jitrabbew mal-omm;

4°. ikollhom biżżejjed spazju biex jinvolvu ruħhom fi mgħiba materna;

5°. jagħżlu li jużaw l-ispażju ta' barra jew li jibqgħu fl-istalel;

6°. jogħrku u jħokku;

7°. jitolqgħu u jistrieħu fi stalel bi strutturi vertikali;

8°. jiksbu kumdità termali, billi jkollhom għażla libera li jiċċaqilqu u jfittxu żona ta' kumdità;

9°. jieklu u jixorbu ilma nadif u għalf xieraq disponibbli mingħajr restrizzjoni, b'mod konsistenti mal-preferenzi tal-annimali;

e. għan-nagħaġ, li jkunu jistgħu:

1°. iżommu rabtiet soċjali;

2°. jevitaw l-oħrajn;

3°. għall-ħrief, li jkunu jistgħu jitrabbew mal-omm;

4°. ikollhom biżżejjed spazju biex jinvolvu ruħhom fi mgħiba materna;

5°. jieklu u jixorbu ilma nadif u għalf oħxon xieraq disponibbli mingħajr restrizzjoni, b'mod konsistenti mal-preferenzi tal-annimali;

6°. jiksbu kumdità termali, billi jkollhom għażla libera li jiċċaqilqu u jfittxu żona ta' kumdità;

7°. jogħrku u jħokku;

8°. ikollhom biżżejjed spazju biex jistrieħu u jimteddu;

f. għall-fniek, li jkunu jistgħu:

1°. iżommu rabtiet soċjali;

2°. jirtiraw u jevitaw l-aggressjoni;

3°. jimpjenjaw ruħhom fi mgħiba materna u ta' tbejjit b'materjali suffiċjenti ta' tbejjit;

4°. għall-frieħ, biex jinvolvu ruħhom fi mgħiba ta' treddiġ u biex jirċievu kura materna;

5°. għall-ommijiet, biex jisseparaw ruħhom mill-bejta biex jipprevjenu l-infantiċidju u l-korriment lill-frieħ;

6°. jaċċessaw opportunitajiet adegwati għal kenn jew post għall-kwiet;

7°. jieklu u jixorbu ilma nadif u biżżejjed għalf disponibbli mingħajr restrizzjoni, b'mod konsistenti mal-preferenzi tal-annimali;

8°. jesploraw, inaqqu, ifittxu l-ikel u jkexwxu;

9°. jimteddu u jistrieħu;

10°. ikollhom biżżejjed spazju biex jipprevjenu l-istress minħabba s-sħana;

11°. ikollhom biżżejjed spazju għall-moviment bl-għan li jkunu jistgħu jaqbżu u jiġru;

g. għall-papri, li jkunu jistgħu:

1°. jaċċessaw l-ilma miftuħ biex jirranġaw ir-rix, għall-esplorazzjoni u l-foraġġ;

2°. jaċċessaw post nadif, xott biex jistrieħu jorqdu b'mod komdu;

3°. jaċċessaw biżżejjed għalf u ilma nadif disponibbli mingħajr restrizzjoni, b'mod konsistenti mal-preferenzi tal-annimali;

4°. jiksbu kumdità termali permezz ta' temperatura tal-kamra adegwata u aċċess liberu għall-ilma miftuħ.

2. Il-ħtiġijiet addizzjonali tal-imġiba skont l-għarfien xjentifiku jistgħu jiġu identifikati permezz ta' ordni amministrattiv ġenerali għall-ispeċi jew il-kategorija tal-annimali kkonċernati.

3. Għall-indoktraturi tal-annimali li skont il-liġi tranżitorja mhumix soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, ordni amministrattiv ġenerali se jiddefinixxi regoli għall-mod li bih l-annimali għandhom jinżammu biex jiġi żgurat li l-annimali ma jiġux imċaħħda b'mod permanenti jew sistematiku mill-opportunitajiet biex jissodisfaw dawk il-ħtiġijiet ta' mġiba, kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, li ġew stabbiliti xjentifikament għall-ispeċi jew għall-kategorija tal-annimali kkonċernata.

D

L-Artikolu 2.3a jiġihassar.

E

L-Artikolu 2.8 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 2(b) u (c) issa jaqra kif ġej:

b. il-prestazzjoni minn kirurgi veterinarji ta' proċeduri fiżiċi relatati mal-isterilizzazzjoni tal-annimali; u

c. proċeduri fiżiċi deżinjati permezz ta', jew skont, ordni amministrattiv ġenerali, li huma meħtieġa għal finijiet ta' identifikazzjoni u li jikkonsistu f'metodu ta' mmarkar għajr il-ħruq ikkawżat mill-iffriżar.

2. Jiżdied paragrafu, li jaqra:

6. Il-paragrafi 1 sa 5 ma għandhomx japplikaw għall-proċeduri fiżiċi li għalihom japplika l-Artikolu 2.1(1) flimkien ma' (3).

F

Fl-Artikolu 8.11 (2), "2.1 (6)" huwa sostitwit bil-kliem "2.1 (7)".

G

Fl-Artikolu 8.12 (3), “2.1 (6)” huwa sostitwit bil-kliem “2.1 (7)”.

H

L-Artikolu 10.10 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fil-paragrafu 1, il-kliem “2.1(3) u (5)” huwa sostitwit bil-kliem “2.1(4) u (6)”, “(10) u (12),” huwa sostitwit bil-kliem “u (10), 2.2a(2) u (3),” u jitħassar “paragrafu 2(b) u”.

2. Il-paragrafu 3 jitħassar.

ARTIKOLU II EMENDA GĦALL-ATT DWAR IR-REATI EKONOMIĊI

Fl-Artikolu 1(1^o) tal-Att dwar ir-Reati Ekonomiċi, fil-frażi relatata mal-Att dwar l-Annimali, “2.2a,” tiddaħħal qabel “2.7,”.

ARTIKOLU III LIĠI TRANŻITORJA

L-Artikolu 2.2a(1) u (2) tal-Att dwar l-Annimali ma għandux japplika, matul perjodu tranżitorju raġonevoli li għandu jiġi ddeterminat b’ordni amministrattiv ġenerali, li jintemm mhux aktar tard mill-1 ta’ Jannar 2040, għal stalel jew postijiet li diġà kienu jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan l-Att u li jappartjenu għal intrapriża li fiha l-annimali jinżammu fil-kors tan-negozju għall-produzzjoni ta’ prodotti tal-annimali.

ARTIKOLU IV DĦUL FIS-SEĦĦ

1. Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu I, il-Parti E, dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 2026.

2. L-Artikolu I, il-Parti E, għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2030.

B’dan qed jiġi ordnat li dan l-Att għandu jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u li l-ministeri, l-awtoritajiet, il-kummissjonijiet u l-uffiċjali kollha kkonċernati jiżguraw l-implimentazzjoni preċiża tiegħu.

Maħruġa minn

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, is-Sigurtà tal-Ikel u n-Natura,